# Prague
## Czech Republic

**INŻURU:** Prague, Vlatva, Dresden, Český Krumlov, Karlovy Vary, Kutna Hora

**Grupp A:** 13 - 20 ta' Settembru
**Grupp B:** 08 - 15 t' Ottubru

### L-EWWEL JUM
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fis-14:00 għat-titjira KM538 li ttir fl-16.20 u naslu fi-**Praga** fis-18.30, nibqgħu sejrin lejn il-**Green Garden Hotel 4star**. Sistemazzjoni tal-kmamar u ħin liberu. Ħdejn il-lukanda hawn diversi restaurants bi prezzijiet għall-but ta' kulħadd. Wara ċ-ċena mmorru passiġata sal-pjazza Prinċipali biex ingawdu l-atmosfera pjaċevoli.

### IT-TIENI JUM
Il-belt ta' Praga għandha wisq x'toffri lit-turist, għalhekk illum ikollna **city tour** ta' **Praga** biex naraw parti ta' din il-belt bħal Prague Castle, Kumpless kbir ta bini fejn fost l-oħrajn hawn il-kastell S.Vitus, il-bażilika ta' San Ġorġ u l-Palazz irjali, inkomplu billi nżuru l-Knisja fejn hemm il-Bambin ta' Praga, Kampa Island, Charles Bridge eċċ. Wara jkollna nofs ta'nhar liberu biex tgawdu din il-belt. Min irid jista jmur ma' tour leader għal cruise (extra) madwar ix-xmara Vlatva min fejn naraw il-belt min perspettiva differenti. Wara jkollna ħin għal ikel (extra). Min irid jista' jmur shopping

### IT-TIELET JUM
Bla dubju, **Dresden**-hekk imsejħa bħala Firenze tan-naħa ta' fuq, hi fost il-bliet Ġermaniżi l-aktar meraviljużi. Opportunità napprezzaw il-ġmiel tal-kastell viċin it-Theaterplatz, is-Semperoper (Opera House), Sempergalerie, Taschenbergpalais u Hofkirche. Naraw aktar postijiet ta' nteress bħal dik l'hekk imsejħa Fürstenzug jew purċissjoni tal-prinċipijiet. Ikollna ftit ħin liberu għax-xiri. Nirritornaw lura l-lukanda.

### IR-RABA' JUM
Eskursjoni mill-iżjed interessanti għal **Karlovy Vary** fil-Punent tal-Bohemia, fejn matul il- vjaġġ tagħna ser ikollna l'opportunita li nappreżżaw l-kampanja ta' din iż-żona sakemm naslu. Il-belt ta' Karlovy Vary tinsab f'wied tassew sabiħ. Flimkien mal-gwida nżuru l-knisja ta' Maria Magdalena, naraw il-famużi Spa Colonnades u l-funtani. Hawn magħruf ħafna għax-xogħol tal-kristall hu nsibu waħda mill-aqwa brands fid-dinja. Ma tistax tkun Karlovy Vary u ma dduqx il-famużi Wafers li huma tant delizzjużi, kif ukoll il-liquor tradizzjonali Becherovka u sintendi l-ilma naturali mineral springs. Nirritornaw lura l-hotel.

### IL-ĦAMES ĠURNATA
Buffet breakfast u eskursjoni għal Český Krumlov li hi meqjusa bħala l-isbaħ belt tal-Bohemia. Din il-belt protetta u meqjusa mill-Unesco bħala World Heritage, tgawdi xenarju mill-isbaħ. Fit-triqtna lejn **Český Krumlov, li jinsab fuq ix-xmara Vltava, niltaqgħu ma' għadd ta' villaġġi ħelwin u kampanja spettak**olari. Inżuru ċ-ċentru storiku kif ukoll il-kastell (dħul extra). Filgħaxija mmorru għal drink.

### IS-SITT JUM
**Praga** belt mill-isbaħ u għandha ħafna x'toffri lit-turist, għalhekk ser ikollna l'opportunita li nkomplu niskopru din il-belt. Flimkien mal-gwida se nżuru l-**Old Town** Square imdawwar b'bini b'arkittetura diverża inkluża il-knisja Gotika Our Lady Before Tyn bil-kampnari tagħha għolja 80 metru**,** Astronomical Clock li jinsab fit-Town Hall li hu t-tielet l-eqdem arloġġ astronomiku fid-dinja, Jan Hus Memorial. Issa jmiss li nżuru il-Jewish Quarters, naraw sinagogi u Old-Jewish Cemetery. Wara ħin liberu għax-shopping.

### IS-SEBA JUM
Breakfast u ġurnata libera għax-shopping u personal sightseeing. Fejn tkunu tistgħu tkomplu tesploraw din il beli li tant għanda x'toffri. Filgħaxija noffrulkom llejla Folkloristika (extra) bl-ikel u zfin tradizzjonali.

### TMIEN JUM
Breakfast u eskursjoni li teħodna fil-belt medjeavli ta' **Kutna Hora.** Nesploraw din l-area ta' seklu 13 li hi magħrufa għall-minjieri tal-fidda. Hawn ser ikollna l-opportunita li naraw il-Katidral majestuz stil gotiku iddedikat lil St Barbara, monumenti sbieħ u djar storiċi. Ikollna ħin għall-ikel (extra). Nkomplu lejn Sedlec fejn inżuru l-Bone Chapel. Nkomplu bil-kowċ għall-ajruport ta' Praga għat titjira KM539 li ttir fis-19.10 u nalu lura Malta fl-21.50.

**N.B**
Grupp B jitlaq min Malta fis-13.50, / Jasal lura Malta min Praga fit-19.40.

**8** T'IJIEM

MINN € **790** KULL PERSUNA

### PREZZ KULL PERSUNA
### ESKURSJONIJIET U TAXXI MĦALLSA

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €840 | €790 |
| Kamra żewġ persuni | €850 | €800 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,100 | €1,050 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €550 | €500 |

### PREZZ JINKLUDI
- Titjira mal-Air Malta: Malta - Praga - Malta
- Transfers u eskursjonijiet skond il programm (entraturi mhux inklużi)
- 7 t'iljieli - Hotel Green Garden 4 star fiċ ċentru ta Praga
- Kmamar kollha b'arja kkundizzjonata
- Buffet Breakfast kontinentali kuljum
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency Protection

